FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 19 TA' FRAR, 1996
AVVIZ NUMRU 16/95 J.R.

France Motor Services Ltd

vs

Dimech Charles

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Ottubru, 1995 fejn intalab il-hlas ta' tlieta u erbgh-in Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm43.40c) bilanc fuq valur ta' merkanzija lil-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici fil-31 ta' Awissu, 1995, u ghall-liema il-konvenut kien hareg "cheque" li meta s-socjeta attrici marret biex issarfu dan gie mibghut lura u markat "refer to drawer - account closed 4/9/95"; kif ukoll bilanc ta' sitt Liri Maltija u sittin centezmu (Lm6.60c) li jirreferu ghall-ispejjez inkorsi mis-socjeta' attrici in segwitu tal-istess "cheque".

Wara li ra l-konvenut baqa ma pprezentax risposta fir-rigward, u

Wara li semgha x-xhieda ta' Paul Gauci debitament awtorizzat biex jirraprezenta lis-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont intier imsemmi fl-avviz ghadu dovut;

Wara li ha konjizzjoni tad-dokument ezebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

U peress li jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut;

Jiddeciedi illi:

Jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Hamsin Lira Maltija (Lm50) u dana in kwantu ghall- Tlieta u erbghin

Lira Maltija u erbghin centezmu (LM43.40c) bilanc fuq valur ta' merkanzija li l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici fil-31 ta' Awissu, 1995 u in kwantu ghall-sitt Liri Maltija u sittin centezmu (Lm6.60c) spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici in segwitu ghac-"Cheque" mahrug mil-konvenut li ma giex onorat.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Dr Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika

Dep. Reg.